MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**PADOVANI JACQUELINE LL.D.**

Seduta ta' 25 ta' Settembru, 2002

Numru. 562/2002

PULIZIJA
SPETTUR JASON AGIUS
VS
JOSEPH MAMO
JONATHAN SCHEMBRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Mamo ta' 53 sena iben il-mejjet Carmel u Mary nee Farrugia imwieled Valletta fis-19 ta' Jannar 1949 u joqghod Yucca, Triq il-Blanzuni, Attard detentur tal-karta tal-identita numru 114149(M) u Jonathan Schembri ta' 18 sena iben Raymond u Rita nee Farrugia imwieled Pieta fit-28 ta' Ottubru 1983 u joqghod Gabriz, Triq il-Biedja, Luqa detentur tal-karta tal-identita numru 557283M talli fil-11 ta' Lulju 2002, ghal habta tal-11am gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta flimkien ikkommettew serq ta' tie down straps gha-ddannu ta' Lufthansa German Airlines u

Emirates Airlines liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Settembru 2002 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 268, u 271 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.